**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 43– 18 ta’ Jannar 2018**

***Minuti tat-43 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis 18 ta’ Jannar, 2018 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug iltaqa’ fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-5:30pm ta’ filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 43. Il-laqgha bdiet fil-5:45 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti b’Apologija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works’ Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**43.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija x'tinqara.

**43.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius ġabet għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Christopher Bongailas. Il-minuti ġew approvati unanimament. (155).

**43.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

43.3.1 Dwar il-murali, il-Kunsill qabel unanimament ghandha ssir bicca arti astratta fejn ghandu jigi emfasizzat ukoll il-fatt li Haz-Zebbug instabu fdalijiet arkeologici unici f'Malta.

43.3.2 Is-sindku Sarah Agius nfrmat lill-Kunsill li l-procedura sabiex isiru l-bus stages ser tkun li l-kunsill japplika mal-AKL u din minn naha taghha imbaghad tressaq l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

43.3.3 Gie kkomunikat li gew approvati l-fondi tal-Unjoni Ewropea taht Mizura 4.3. Gie approvat li jsiru Triq il-Fortizza, Trejqet l-Ghollieq, Triq tal-Hlas u Triq tat-Troll. Inqabel unanimament li minhabba li riq il-Fortizza ser issir minn TM, din ghandha tigi rtirata minn din l-iskema sabiex issir minn TM.

43.3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-tender ghall-Gnien l-Infetti kien inhareg u kien ser jaghalaq it-Tlieta ta' wara.

43.3.5 Dwar Bieb de Rohan, is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li minn informazzjoni li nghatat mill-Avukata Phyllis Aquilina, Bieb de Rohan mhux proprjeta tal-Knisja.

43.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament li tinghata n-'no objection' sabiex tinghalaq Triq l-Imdina sabiex ikunu tista ssir t-tigrija tar-roti organizzata mill-Mosta Cycling Club.

43.3.7 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinghataw il-permessi lill-Valentine stalls fejn diga inghataw fis-snin precedenti.

43.3.8 Dwar il-hofra/toqba li qed tifforma gewwa Dawret in-Nizla ta' San Pawl u li gie irrapurtata lil TM, fejn diga inkitbet ittra bl-avukati tat-TM lir-residenti kollha, Il-kunsill gie nfurmat li wara li saru r-ricerki minn nutar imqabbad mill-istess kunsill, inkitbet ittra mill-avukati li qed jirraprezentaw kemm lill-Kunsill u anke lil TM, fejn l-izvillupatur qed jinghata ghaxar t'ijiem sabiex jirrispondi din l-ittra.

43.3.9 Dwar il-krejn li ser jitpogga fi Triq il-Kbira sabiex jitkomplew ix-xoghlijiet fuq binja fl-istess triq ezattament faccata tal-Plaza Pharmacy, il-kunsilll ma sab l-ebda oggezzjoni li jitpogga tower crane sabiex isiru ix-xogholijiet. Il-passagg tal-karozzi mhux ser ikun affetwat.

43.3.10 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li l-madum gdid bhal m'hemm fi Vjal il-Helsien spicca u ghaldaqstant minhabba li qed isir hafna twaqqiegh ta' bini gewwa l-istess triq, dan il-madum qed nigu bzonnu kontinwament. Ghaldaqstant gie deciz li jsir kuntatt ma stabillimenti gewwa Malta forsi tinstab l-istess kwalita ta' madum, jew inkella jsir kuntatt mal-kuntrattur li kien inkarigat mill-istess triq.

43.3.11 Gie deciz li tinhareg publikazzjoni mill-Kunsill. Kull min jixtieq jikteb ghandu jinforma lill-amministrazzjoni jekk hux interessat sal-ahhar ta' Jannar 2018.

43.3.12 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 9 ta Frar fil-pjazza kien ser isir iz-zfin minn tmien kumpaniji taz-zfin. Dawn ser jinghataw token ghall-partecipazzjoni.

43.3.13 Is-Sindku Sarah Agius qalet li bhalissa qed isir hafna xoghol infrastrutturali gewwa Haz-Zebbug; fosthom l-ewwel wicc lil Triq Dun Guzepp Bonanno, filwaqt li qed isiru thejijjiet biex jinghata l-ewwel wicc lil Triq Michael Debono, u Triq Mro. Frank Galea. Sadanittant ix-xoghol ta' bini tat-triq mill-gdid ta' Triq il-Mithna ghadu ghaddej.

**43.4 ONE-WAY FI TRIQ VILHENA**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li TM taw il-permess sabiex Triq Vilhena issir one-way ghal perjodu ta' xahar.

**43.5 TABELLI DWAR L-ISKART**

Gie maqbul li jitwehhlu tabelli ta' taghrif dwar meta ghandu jintrema l-iskart u x'tip ta' skart tul il-granet tal-gimgha.

**43.6 WI-FI**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li giet avvicinata minn kumpanija li toffri s-servizz tal-wifi b'xejn. Kull ma jkollha bzonn din il-kumpanija hija l-permess sabiex tkun tista twehhel apparat zghir. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-apparat ghandu jitwehhel sabiex is-servizz jinghata fi Gnien l-Infetti.

**43.7 LINE DANCING**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kienet avvicinata minn grupp ta' nies li urew ix-xewqa li jsir dan il-kors Haz-Zebbug. Saru l-arrangamenti mal-iskola sabiex jibda jsir dan it-tahrig hemmhekk.

**43.8 TOROQ RURALI**

Is-Sindku Sarah Agius regghet infurmat lill-Kunsill li gew approvati l-fondi tal-Unjoni Ewropea taht Mizura 4.3. Gie approvat li jsiru Triq il-Fortizza, Trejqet l-Ghollieq, Triq tal-Hlas u Triq tat-Troll. Inqabel unanimament li minhabba li riq il-Fortizza ser issir minn TM, din ghandha tigi rtirata minn din l-iskema sabiex issir minn TM.  Ghalhekk ghandha tinkiteb ittra lil Meusac f'dan ir-rigward.

**43.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-Kunsillier Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-vot tal-flus. (156)

Il-Kunsillier George Cortis hareg mil-laqgha fis-7:00pm filwaqt li l-Kunsillier Vernalise Scicluna harget mil-laqgha fis-7:05pm.

**43.10 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

Ma kine hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera

**43.11 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Il-laqgha giet aggornata ghat-21 ta' Frar 2018. Din il-laqgha spiccat fis-7:30pm.

**Sarah Agius** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Ezekuttiv**